MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Numru. 408/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri )**

**vs.**

**David Gafa’**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **David Gafa’** ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, iben John Mary u Rita neé Abdilla, imwieled Pieta’ nhar it-8 ta’ Ottubru 1984, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 490584(M) u residenti gewwa Blokk H, Entratura B, Appartament Numru 2, Triq Hal Farrug, Luqa, akkuzat talli:

nhar il-5 t’April 2012 ghal habta tas-siegha u kwart ta’ wara nofs inhar (13:15hrs) gewwa Triq il-Masgar, Luqa,

ikkommetta serq ta’ tieqa u bieb tal-aluminium, ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta’ Hal Luqa u/jew persuna/i ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet li l-valur tal-oggetti li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jammontaw ghas-somma ta’ erba’ mija u sebgha u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€ 477.65).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il–fedina penali tal-imputat (li mhijiex wahda nadifa), in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f’dawn il-proceduri u l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija (kif jirrizulta mill-istqarrija (Dok. “FF 2”) rilaxxata minnu). Il-Qorti hija tal-fehma li, minhabba li l-fedina penali tal-imputat mhijiex wahda nadifa, m’ghandux jigi applikat fil-konfront tal-imputat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghar-reati addebitati lilu fil-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba

kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Kunsill Lokali ta' Hal Luqa s-somma ta' erba' mija u sebgha u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€ 477.65).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' € 477.65 fiz-zmien lilu moghti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------